# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 58**

**Rikors numru 39/19/1 MH**

**L-Avukat Helen Caruana fil-kwalità tagħha bħala mandatarja speċjali ta' Enas Gosaibat**

**v.**

**Aġenzija Identità Malta u Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Avukat Helen Caruana bħala mandatarja speċjali ta' Enas Gosaibat kontra s-sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Novembru, 2022, fejn ċaħdet it-tielet (3) eċċezzjoni tal-konvenuti iżda laqgħat l-ewwel (1) eċċezzjoni tagħhom u ddikjarat li l-azzjoni odjerna

ppreżentata mill-attriċi hija *fuori termine* għax ġiet intavolata wara l-perjodu ta' sitt (6) xhur kif stabbilit f'**Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-17 ta' Jannar, 2019, l-attriċi fissret li twieldet Malta fil-31 ta' Marzu 1975 minn ġenituri ta' nazzjonalità Libjana. Fid-dawl tal-liġi viġenti ta' dak iż-żmien, l-attriċi tgħid li kellha dritt tapplika għaċ-ċittadinanza Maltija. Fil-fatt wara applikazzjoni appożita mad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates*, l-attriċi ġiet infurmata li kienet tabilħaqq ikkonsidrata ċittadina Maltija mit-twelid u per konsegwenza applikat għall-ħruġ tal-passaport u karta tal-identità Maltija. Tispjega wkoll illi meta f'Awwissu 2018 l-attriċi ħtieġilha tirrikorri ġewwa l-Aġenzija Identità Malta sabiex tbiddel l-indirizz fuq il-karta tal-identità tagħha, hija ġiet verbalment infurmata li ċ-ċittadinanza tagħha ġiet irtirata u dan mingħajr ma qatt ġiet formalment infurmata b'dan l-akkadut.

3. Fid-dawl ta' dan, fil-11 ta' Ottubru, 2018, l-attriċi ppreżentat protest ġudizzjarju kontra l-konvenuti, għal liema protest ġudizzjarju l-konvenuti baqgħu inadempjenti. Madankollu jingħad illi fil-25 ta' Ottubru, 2018, il-konvenuti ppreżentaw kontro-protest fejn saħqu illi meta r-raġel tal-attriċi applika għaċ-ċittadinanza Maltija rriżultalhom li meta twieldet l-attriċi,

missierha kien qiegħed igawdi minn privileġġi u immunitajiet għall-finijiet tal-**Artikolu 5(1)(a) tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta** u għal tali fini kienet intbgħatet ittra lill-attriċi fil-15 ta' Marzu, 2018, liema ittra iżda ġiet riċevuta minnha f'Lulju 2018 peress li dak iż-żmien kienet qiegħda tirrisjedi l-Libja. Però l-attriċi tissottolineja illi fl-ebda istanza hija ma ġiet informata illi ċ-ċittadinanza tagħha kienet qiegħda tiġi rtirata, u li kellha tirritorna lura l-passaport u l-karta tal-identità Maltija.

4. Minħabba f'hekk, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-għemil fuq imsemmi tal-intimati, jew min minnhom, imur kjarament kontra l-liġi u li għalhekk jikkostitwixxi ksur tal-**Artikolu 469A(1)(b)** stante l-fatt li tali għemil huwa ultra vires ai termini tal-**Artikolu 469A(1)(b)(iv)** u dan għaliex dan l-għemil twettaq minn awtorità pubblika li ma kienitx awtorizzata sabiex twettqu peress li l-għemil in kwistjoni jmur mod ieħor kontra l-liġi;*
>
> *2. Tordna lill-intimati jerġgħu jqiesu r-rikorrenti bħala ċittadina Maltija għal kull effetti tal-liġi u lill-aġenzija intimata tirritorna l-karta tal-identità lir-rikorrenti;*
>
> *3. Tiddeċiedi u tiddikjara illi r-rikorrenti għandha dritt tiġi kumpensata mill-intimati jew min minnhom minħabba l-fatt li l-għemil fuq imsemmi jmur kontra l-liġi u konsegwentament tillikwida d-danni dovuti lir-rikorrenti per konsegwenza ta' dan l-għemil fuq imsemmi;*
>
> *4. Tordna lill-istess intimati, jew min minnhom, sabiex fi żmien qasir u perentorju jħallsu s-somma hekk likwidata. »*

5. Il-konvenuti flimkien mal-Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat) ġew debitament notifikati bir-rikors promotur fis-26 ta' Frar, 2019, u ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fl-4 ta' Marzu 2019, fejn ressqu eċċezzjonijiet li huma s-segwenti: (i) l-azzjoni attriċi ġiet ippreżentata *fuori*

*termine* t-terminu ta' sitt (6) xhur kif stabbilit f'**Artikolu 469A(3)**, (ii) l-azzjoni odjerna hija nulla *stante* li t-talbiet kif dedotti huma inammissibbli ġaladarba r-rikors ġuramentat fih każwali u talbiet alternattivi li huma kontradittorji u kunfliġġenti, u (iii) l-inapplikabbilità tal-**Artikolu 469A** fi kwistjonijiet relatati mal-għoti u l-irtirar ta' ċittadinanza Maltija *in vista* li dawn ma jaqgħux taħt il-kappa ta' għemil amministrattiv. Madankollu, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti ġiet irtirata *seduta stante* fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2019.

6. B'sentenza preliminari mogħtija fis-16 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti ddeċediet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti fejn ċaħdet it-tielet eċċezzjoni iżda laqgħat l-ewwel eċċezzjoni, u ddikjarat li l-azzjoni ppreżentata mill-attriċi hija *fuori termine* l-perjodu ta' sitt (6) xhur stabbiliti mil-leġiżlatur **f'Artikolu 469A**, fejn is-siltiet l-aktar rilevanti ta' din is-sentenza huma dawn:

> *«2. Eċċezzjoni Preliminari dwar l-azzjoni li hija fuori termine*
>
> *Fl-ewwel eċċezzjoni, il-konvenuti jargumentaw li l-azzjoni attriċi ġiet intavolata fuori termine u ċioe' aktar tard mill-perjodu ta' 6 xhur ai termini tal-**Artikolu 469A (3) tal-Kap 12**.*
>
> *Kif ingħad fil-każ **Malta Towage Limited v. Id-Direttur tas-Sajd deċiż fit-3 ta' Ottubru, 2017** –*
>
> > *«Il-perjodu li fih tista' tiġi impunjata tali deċiżjoni hu wieħed ta' dekadenza li ma jiġix interrott jew sospiż (ara per eżempju **Maria Victoria Borg et v. Sindku u Segretarju in rappreżentanza Kunsill Lokali Pieta**, App 19/05/2009).»*
>
> *Inoltre, ingħad hekk fil-każ **Michael Mizzi v. L-Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta,** deċiż fl-10 ta' Novembru, 2008 –*

> *«.....il-Qorti jidhrilha li l-**Artikolu 469A (3)** huwa ċar meta jgħid li l-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mid-data meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf bl-ordni amministrattiva li jkun qed jilmenta minnha. Dan l-artikolu ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur għandu jsir jaf. Kieku l-leġislatur kellu intenzjoni li dan il-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tiġi milquta b'ordni amministrattiva tiġi nfurmata b'mod uffiċjali u bil-miktub, ċertament li dan kien jiġi indikat fl-artikolu in eżami. Il-liġi ssemmi biss li dan il-perijodu ta' dekadenza jibda jgħodd minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf u xejn aktar.»*

*Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, l-attriċi saret taf jew setgħet issir taf bid-deċiżjoni tal-awtoritajiet governattivi permezz ta' l-ittra tal-15 ta' Marzu, 2018.*

*Evidentement mill-atti, l-ittra tal-15 ta' Marzu, 2018 ġiet debitament notifikata lill-attriċi fl-indirizz mogħti u provdut minnha stess lill-awtoritajiet. Għalkemm id-data preċiża tan-notifika ma hijiex magħrufa mill-atti l-Qorti tqis li, fuq **bażi ta' probabiltà**, xorta hija f'qagħda li tasal għall-konklużjoni li l-azzjoni attriċi hija fuori termine a bażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet –*

> *1. Jekk l-attriċi, għal raġunijiet tagħha, ma nfurmatx lill-awtoritajiet kompetenti Maltin dwar il-bidla fiċ-ċirkostanza tagħha, u ċioe' li minn Lulju 2016 hija ma kinitx qiegħda tirrisjedi fil-fond, allura bir-raġun li l-korripondenza kienet ser tibqa' tiġi mwassla lilha f'dak l-indirizz;*
>
> *2. U jekk l-attriċi u żewġha għażlu li għal dak li jirrigwarda posta huma jistrieħu fuq terza persuna, kompletament injota għall-awtoritajiet, sabiex iżżommilhom il-korrispondenza sakemm xi ħadd minnhom jiġi Malta allura tali responsabilta' hija unikament tal-attriċi u ta' żewġha bil-konsegwenzi kollha li din l-għażla ġġib magħha;*
>
> *3. Ferm il-premess, a bażi tax-xhieda ġuramentata mir-rappreżentant tal-konvenuti li l-ittra tal-15 ta' Marzu, 2018 ġiet impustata jew dakinhar stess jew l-għada u qatt ma ġiet lura, allura l-ittra hija meqjusa li waslet għand Jamal Nuri Musbah Alahmar għal massimu tmint ijiem wara u ċioe' fit-23 ta' Marzu, 2018. U b'dan l-attriċi setgħet issir taf bl-ittra għall-finijiet u effetti tal-liġi. Tenut kont li l-kawża odjerna ġiet intavolata fis-17 ta' Jannar, 2019 allura deċiżament li l-kawża tkun fuori termine għax ikunu skorrew circa għaxar xhur;*
>
> *4. Għalhekk, l-azzjoni tal-attriċi hija meqjsua tardiva ai termini tal-**Artikolu 469A tal-Kap 12** u ma tistax tipproċedi fil-Qorti quddiem il-Qorti;*
>
> *5. Finalment u għal kull buon fini ma jistax ma jiġix innutat li għalkemm kif xehdet hi stess, l-attriċi waslet lura Malta mil-Libja fl-20 ta' Lulju, 2018, xorta damet għaxar t'ijiem sat-30 ta' Lulju 2018 biex permezz tal-avukat tagħha titlob li jsir appuntament mal-uffiċjali tad-Dipartiment dwar il-kwistjoni taċ-ċittadinanza. L-istess inerzja*

> *kompliet tintwera mill-attriċi meta wara l-laqgħa bejn il-partijiet tal-1 t'Awwissu, 2018 – bil-perjodu ta' 6 xhur dekadenza dejjem għaddej – reġgħet ħalliet 20 jum ieħor sakemm talbet it-tieni appuntament. U meta ma kien hemm ebda dubju permezz ta' l-email tal-entita' governattiva tal-21 t'Awwissu, 2018, li l-awtoritajiet kienu ħadu deċiżjoni finali dwar iċ-ċittadinanza tagħha u ma kienux lesti jirrikonsidraw il-pożizzjoni tagħhom, l-attriċi reġgħet għal darb' oħra ħalliet kważi ħames xhur jgħaddu qabel intavolat il-kawża odjerna fis-17 ta' Jannar, 2019. Tista' tgħid li okkorra ġabitu b'idejja l-attriċi. Ukoll li kien u jibqa' nkombenti fuq kull minn jibdel indirizz li jinforma b'hekk lil awtoritajiet kompetenti.*
>
> *Raġġunti dawn il-konklużjonijiet,* ***l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti*** *sejra għalhekk tiġi milqugħa.»*

7. L-attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fis-16 ta' Diċembru, 2022, fejn qanqlet żewġ (2) aggravji, ċjoè: (i) jeżistu raġunijiet gravi sabiex isseħħ reviżjoni tas-sentenza appellata, u (ii) l-azzjoni attriċi ma hijiex *fuori termine*. Għalhekk, l-attriċi talbet sabiex:

> *«filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-intimati – appellati, tħassar, tirrevoka u tikkanċella dik il-parti l-oħra tas-sentenza appellata fejn laqgħat l-ewwel eċċezzjoni u dana billi tiċħad ukoll l-ewwel l-eċċezzjoni tal-intimati – appellati u terġa' tirrinvja l-atti lura lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex tipprosegwi bis-smigħ tal-kawża fir-rigward tat-talbiet attriċi appellant dana bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimati – appellati.»*

8. Il-konvenuti ġew debitament notifikati bir-rikors tal-appell fil-21 ta' Diċembru, 2022, filwaqt li l-Avukat tal-Istat ġie notifikat fit-22 ta' Diċembru, 2022, u wieġbu għalih b'risposta datata 9 ta' Jannar, 2023, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza preliminari mogħtija mill-Ewwel Qorti tas-16 ta' Novembru, 2022.

9. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li

tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. L-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-kawża tal-lum hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju skont **Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u dan fid-dawl li l-attriċi qiegħda tattakka l-aġir tal-konvenuti, jew min minnhom, dwar id-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha fir-rigward tal-irtirar taċ-ċittadinanza tagħha mingħajr ma kienet formalment notifikata, liema aġir fil-fehma tal-attriċi jwassal għall-ksur tal-**Artikolu 469A subinċiż (1)(b)(iv)**. Madankollu, permezz tas-sentenza preliminari tagħha, l-Ewwel Qorti laqgħat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellati u ddeċediet li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attriċi *qua* appellanta, hija tardiva.

11. Permezz tal-appell odjern, l-appellanta tressaq żewġ aggravji li fil-fehma ta' din il-Qorti għandhom jiġu kkonsidrati flimkien peress li jsegwu lil xulxin, billi tilmenta illi l-azzjoni tagħha ma hijiex *fuori termine* u b'hekk jeżistu raġunijiet gravi sabiex din il-Qorti terġa' tidħol fl-apprezzament tal-provi peress li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tagħhom bil-konsegwenza li waslet għall-konklużjoni żbaljata dwar id-data meta l-attriċi setgħat tiftaħ din il-kawża, u li minħabba tali konklużjoni l-Ewwel

Qorti ddeċediet li l-azzjoni tal-attriċi hija tardiva b'mod li ser jinħoloq preġudizzju għall-attriċi.

12. Għandu jingħad mal-ewwel li sa fejn l-appellanta tilmenta mill-apprezzament ħażin tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser tiġi maħluqa inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni.

13. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***Nazzareno Cardona sive Leslie v. Massimo Zahra et***[1]:

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-16 ta' Diċembru, 2019.

> *«…din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalh[2]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li*
>
>> *«Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-Ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti[3].»»*

14. Jibda billi jiġi osservat li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv, fejn il-konvenuti allegatament qabdu u rtiraw iċ-ċittadinanza Maltija tagħha, liema għemil fil-fehma tal-appellanta jmur kontra l-liġi u huwa *ultra vires.* Madankollu, il-konvenuti fir-risposta maħlufa tagħhom, fost oħrajn, ressqu l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi hija tardiva fit-termini tal-**Artikolu 469A (3)**. Din l-eċċezzjoni ntlaqgħet mill-Ewwel Qorti fis-sentenza preliminari tagħha, u huwa proprju dan il-qofol tal-appell li għandha quddiemha din il-Qorti. Fid-dawl ta' dan, jeħtieġ li tali eċċezzjoni tiġi eżaminata fid-dawl tal-liġi u taċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li għandha tixtarr il-provi mressqa.

---

[2] ***Josephine Agius v. Piju Theuma***, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-26 ta' Jannar, 2018.

[3] ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat - Prim Ministru et.***, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fl-14 ta' Diċembru, 2018.

15. Mill-aspett legali, il-Qorti tara illi b'mod ġenerali, għemil amministrattiv, jista' jiġi attakkat taħt paragrafu (a) tal-**Artikolu 469A (1)** fuq ksur tal-Kostituzzjoni, jew taħt paragrafu (b) tal-istess artikolu fuq għemil *ultra vires*. Fil-każ tal-lum, l-attriċi fittxet li twaqqa' l-għemil taħt paragrafu (b), billi fir-rikors maħluf tagħha ddikjarat b'mod ċar illi l-għemil tal-konvenuti, *qua* appellati, jikkostitwixxi ksur tal-**Artikolu 469A(1)(b)(iv)**. B'hekk ma hemm l-ebda dubju li t-talba tal-attriċi hija waħda li tintlaqat bl-**Artikolu 469A (3)**, li jgħid:

> *«Kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv.»*

Għalhekk, fit-termini ta' dan l-artikolu appena ċitat, kien jeħtieġ illi l-attriċi tippreżenta l-azzjoni tagħha fi żmien sitt (6) xhur minn meta saret taf jew setgħat issir taf b'dak l-għemil amministrattiv, skont liema minnhom javvera ruħu l-ewwel. Dan ġie kkonfermat fis-sentenzi fl-ismijiet ***Carmel Curmi v. Saviour sive Sammy Spiteri et***[4], ***Godfrey Scicluna v. Il-Prim Ministru et.***[5], u ***Marisa Bonanno v. L-Università Malta***[6].

16. Din il-Qorti ttenni illi l-perjodu stipulat f'**Artikolu 469A (3)** huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, u għalhekk iż-żmien biex tinfetaħ il-kawża ma jistax jiġġedded, iżda għandu jitqies bħala wieħed

---

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fid-29 ta' Marzu 2023.
[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-12 ta' Marzu, 2020.
[6] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-9 ta' Diċembru, 2015.

perentorju u ta' ordni pubbliku. Kif ribadit fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit***[7]:

> *«quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e' termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu` ammissibile. La dottrine pone il criterio distintivo in cio` che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si trattera` di una decadenza.»*

17. Mill-fattispeċji tal-każ in eżami u l-provi mressqa mill-partijiet, il-Qorti tara illi:

i. L-attriċi twieldet Malta fil-31 ta' Marzu tal-1975 minn koppja ta' nazzjonalità Libjana, u wara li ssottomettiet applikazzjoni għal ksib taċ-ċittadinanza, fis-7 ta' Ottubru 2013 hija ġiet mgħarrfa mid-Dipartiment ikkonċernat illi għal kull fini u effetti tal-liġi hija kienet titqies ċittadina Maltija;

ii. Sadanittant, l-attriċi kienet tgħix Malta mal-familja tagħha billi kienet tikri l-fond bl-indirizz *«The Podium, Block E, Flat 12, Triq San Mark, San Ġiljan»*, iżda għal xi raġuni din telqet minn Malta għal-Libja fil-5 ta' Ġunju, 2016 għal perjodu ta' sentejn sħaħ, u ġiet lura Malta l-20 ta' Lulju, 2018. Madankollu żewġha, matul dawk is-sentejn, kien ġieli ġie lura Malta għal ftit żmien. Fil-fatt l-attriċi rnexxielha tipprova

[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-16 ta' Jannar, 1920 (Vol. XXIV pI p276).

dan kollu permezz ta' kopja ta' biljetti tal-ajru u l-passaport. L-attriċi tikkonferma illi hija kienet taf min mar joqgħod minflokha fir-residenza li kienet tikri Malta, u kienet konsapevoli li l-ittri tagħha kienu jmorru għandhom;

iii. Wara li l-attriċi telqet minn Malta, u mill-24 ta' Settembru 2017 sal-2021, Jamal Nuri Musbah Alahmar, li hu wkoll ta' nazzjonalità Libjana, beda jikri l-fond *«The Podium, Block E, Flat 12, Triq San Mark, San Ġiljan»,* u jgħix hemm mal-familja tiegħu. Dan kien korroborat permezz ta' kopja tal-kuntratt ta' kiri. Jamal Nuri Musbah Alahmar jikkonferma taħt ġurament li fl-indirizz surreferit, kien jirċievi ittri ndirizzati lill-inkwilini preċedenti, ċjoè l-attriċi u żewġha, u peress li ma kellux fejn jibgħat tali ittri huwa kien iżommhom sakemm xi ħadd minnhom kien jiġi Malta u jiġborhom. Jispjega wkoll illi huwa kellu n-numru telefoniku tar-raġel tal-attriċi, u peress li kien jiriċievi ħafna ittri tiegħu u tal-attriċi, kien jgħaqqad numru ta' ittri (tnejn, erbgħa jew ħamsa) u jinfurmahom bihom;

iv. Fil-15 ta' Marzu, 2018, Claire Marie Axiak fil-kariga tagħha ta' *administrative officer* fi ħdan il-Unit taċ-Ċittadinanza, tikkonferma illi kienet intbagħtet ittra bil-posta normali lill-attriċi fejn ġiet infurmata bid-deċiżjoni u r-raġunijiet tal-awtorità illi l-attriċi qatt ma kienet ċittadina Maltija, liema ittra nbagħtet fl-indirizz kif imniżżel fuq il-karta tal-identità

tal-attriċi. Dan ġie wkoll ikkonfermat permezz ta' kopja tal-ittra kif mibgħuta lill-attriċi, u kopja informali tar-reġistru elettorali tas-snin 2017, 2018 u 2019 li jindikaw l-indirizz tal-attriċi f'dak iż-żmien. Barra minn hekk ġie kkonfermat ukoll illi din l-ittra qatt ma rritornat lura fi ħdan id-Dipartiment. Tispjega wkoll li hija bagħtet din id-deċiżjoni bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tar-raġel tal-attriċi għaċ-ċittadinanza Maltija bħala persuna li hu miżżewweġ lil ċittadina Maltija, peress li sabiex janalizzaw din l-applikazzjoni huma kellhom fl-ewwel lok jivverifikaw li l-attriċi hija tabilħaqq ċittadina Maltija, fejn irriżulta lid-Dipartiment li ma kinitx tikkwalifika bħala ċittadina Maltija;

v. Mal-wasla tal-attriċi Malta fl-20 ta' Lulju 2018, hija kienet ġabret il-posta kollha li kellha għand Jamal Nuri Musbah Alahmar, inkluż l-ittra mingħand il-konvenuti li kkonfermat li kienet waslet għandu f'Marzu 2018. Kienet ukoll marret l-Aġenzija sabiex tbiddel l-indirizz fuq il-karta tal-identità u nfurmawha dwar iċ-ċittadinanza tagħha. Kien għalhekk li l-attriċi kkuntattjat l-avukat tal-fiduċja tagħha, fejn fit-30 ta' Lulju, 2018 din talbet laqgħa mal-persuni mad-Dipartimet taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates* sabiex jiddiskutu ċ-ċittadinanza tal-attriċi nhar l-1 ta' Awwissu, 2018. Wara dik il-laqgħa, l-avukat tal-attriċi reġgħat talbet laqgħa oħra għal nhar l-20 ta' Awwissu 2018, liema talba ma ntlaqgħetx mid-Dipartiment peress li skonthom ma kellhom xejn xi jżidu ma' dak li ntqal fl-ewwel laqgħa;

vi. Għalhekk l-attriċi ppreżentat protest ġudizzjarju fil-11 ta' Ottubru, 2018 kontra l-konvenuti. Filwaqt li min-naħa l-oħra, il-konvenuti ppreżentaw kontro-protest fil-25 ta' Ottubru, 2018;

vii. L-attriċi pprosegwiet billi ppreżentat ir-rikors maħluf tagħha fis-17 ta' Jannar 2019.

Dan kollu ġie kkonsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza preliminari tagħha. Għalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti kien wieħed korrett.

18. Stabbilit il-premess u b'applikazzjoni tal-prinċipji legali għall-każ in eżami, din il-Qorti tara li kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha illi l-azzjoni attriċi ġiet ippreżentata tardivament.

19. Din il-Qorti tqis illi ma hemm l-ebda dubju li l-attriċi kellha tippreżenta l-azzjoni tagħha fi żmien sitt (6) xhur minn meta saret taf jew setgħat issir taf bl-ordni amministrattiva li qed tilmenta minnha. Fil-fatt, l-appellanta stess tikkonferma dan kollu fir-rikors ta' appell meta tgħid illi: *«ma huwiex kontestat li t-terminu in kwistjoni huwa perjodu perentorju ta' dekadenza li ma jista' qatt jiġi estiż u inoltre l-liġi tagħmilha ċara li l-perjodu jista' jiddekorri mid-data meta min ikollu interess isir jaf jew seta'*

*jsir jaf bl-ordni.»* Għalhekk dak li kellha tara l-Ewwel Qorti, ġaladarba kienet rinfaċċjata b'eċċezzjoni tat-tardività tal-intavolar tal-azzjoni, huwa li tiddetermina meta beda jiddekorri dan il-perjodu stabbilit mil-liġi, u ċjoè tara: (i) meta saret taf l-attriċi bl-ordni amministrattiva, u (ii) meta setgħat issir taf b'din l-ordni amministrattiva, u wara tara liema minnhom avverat ruħha l-ewwel fiċ-ċirkostanzi.

20. Fil-każ odjern jidher li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-azzjoni attriċi hija *fuori termine*, ġaladarba ma kellha l-ebda dubju li l-ittra tal-15 ta' Marzu, 2018 mibgħuta mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates* waslet għand l-attriċi, anke jekk id-data preċiża tan-notifika ma hijiex magħrufa mill-Qorti *stante* li ma tressqitx prova tagħha. Din id-deċiżjoni tidher li hija msejsa fuq is-segwenti raġunijiet:

i. *L-attriċi ma nfurmatx lill-awtoritajiet ikkonċernati bit-tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha, fis-sens li mhux ha tibqa' tabita fl-indirizz indikat fuq il-karta tal-identità*;

Min-naħa tagħha l-attriċi, fir-rikors tal-appell tinsisti li kien ikun inutli li tmur tinforma l-awtoritajiet bl-indirizz tagħha ġewwa l-Libja, u dan ukoll fid-dawl li fit-termini tal-**Artikolu 5(2)(b) tal-Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta** hi kellha ta' bilfors ikollha residenza Maltija mniżżla fuq il-karta tal-identità tagħha anke jekk fil-verità mat-tluq tagħha minn Malta hija

effettivament ma kellhiex iktar residenza ġewwa Malta. Għalhekk skontha, kien jagħmel iktar sens kieku l-awtoritajiet kienu jagħmlu użu mis-sistema tal-*electronic identity card* fejn il-persuna interessata tkun mgħarrfa bi *kwalsiasi* deċiżjoni permezz tal-indirizz eletroniku minflok dak postali.

ii. *Ir-responsabbilità tal-posta taqa' fuq l-attriċi, speċjalment fid-dawl tal-fatt li minflok hija kienet qiegħda tistrieħ fuq terza persuna sabiex toħdilha ħsieb il-posta mibgħuta fl-indirizz li fil-passat kienet tgħix fih;*

F'dan ir-rigward, fir-rikors tal-appell, l-attriċi tirribatti illi l-awtorità setgħat dejjem tikkorrispondi magħha elettronikament, b'ittra reġistrata jew mezz ieħor sabiex huma setgħu jassikuraw li l-attriċi verament irċeviet id-deċiżjoni tagħhom. Magħdud ma' dan l-attriċi tgħid illi kellha tistrieħ fuq terza persuna mhux kappriċċożament imma b'neċessità.

iii. *Fil-fatt l-ittra mibgħuta mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates għandha tiġi kkonsidrata li waslet fl-indirizz tal-attriċi kif indikat fil-karta tal-identità tagħha madwar tmint' (8) ijiem wara d-data miktuba fl-istess ittra, u dan ukoll jekk fl-istess indirizz kienet qed tabita terza persuna, u dan ġaladarba l-ittra qatt ma ntbagħtet lura għand id-Dipartiment;*

L-attriċi ma taqbilx dwar kif l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li hija rċeviet l-ittra fit-23 ta' Marzu, 2018, peress li l-kodiċi proċedurali tagħna jistabbilixxi mezzi kif issir notifika b'atti ġudizzjarji, li skontha dawn il-mezzi kellhom jiġu applikati f'dan il-każ ukoll anke jekk hawnhekk ma għandniex att ġudizzjarju.

iv. *L-attriċi baqgħat tipprokrastina sabiex tibda l-proċeduri odjerni u dan minkejja li sal-21 ta' Awwissu, 2018 hija kienet konsapevoli li d-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates kienu ħadu deċiżjoni finali dwar iċ-ċittadinanza tagħha sa minn Marzu ta' dik is-sena.*

Fil-fehma tal-attriċi, l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra li l-attriċi saret taf jew setgħat issir taf bl-ordni amministrattiva fl-20 ta' Lulju, 2018, ċjoè meta waslet lura Malta mil-Libja, u b'hekk il-perjodu ta' sitt (6) xhur beda jiddekorri minn dik il-ġurnata.

21. Din il-Qorti tibda biex tirrimarka illi **Artikolu 469 (3)** ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih il-persuna interessata għandha ssir taf bl-ordni amministrattiva. Madankollu, skont il-ġurisprudenza jirriżulta illi persuna interessata mhux bilfors trid issir taf jew tista' ssir taf bil-miktub, iżda dan jista' jsir ukoll bil-fomm.[8] Għalhekk l-argument tal-appellanta ma jreġix

[8] ***Joshue Agius v. Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta***, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-16 ta' Marzu, 2023.

meta tisħaq illi l-konvenuti *qua* appellati kellhom jinnotifikaw lill-attriċi bid-deċiżjoni amministrattiva formalment kif maħsub fil-liġi, b'posta reġistrata jew *email*, għaliex skont il-massima legali *ubi lex voluit, dixit,* kieku l-leġiżlatur ried jispeċifika l-mod kif deċiżjoni amministrattiva tasal lill-persuna interessata, dan kien jagħmlu.

22. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellati għażlu li jinfurmaw lill-attriċi bid-deċiżjoni tagħhom permezz ta' ittra, u ġustament f'għajnejn din il-Qorti huma kellhom jibagħtu dik l-ittra f'dak l-indirizz magħruf minnhom u mogħti lilhom mill-appellanti nnifisha bla ma qatt għarrfithom mod ieħor, fis-sens kif jirriżulta fuq il-karta tal-identità tal-attriċi. Issa, ġaladarba l-appellanta ma baqgħatx tirrisjedi iktar fil-fond kif iddikjarat minnha fuq il-karta tal-identità tagħha, dik hija kwistjoni li tagħha ma għandhomx ibatu l-konsegwenzi l-appellati. Anzi u kif sewwasew qalet l-Ewwel Qorti, l-appellanta kellha kull interess li tinforma lill-awtoritajiet governattivi bit-tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha, iktar u iktar meta żewġha kien applika għaċ-ċittadinanza Maltija u kienet konsapevoli li l-awtoritajiet governattivi kienu ser jikkorrispondu magħhom dwar tali applikazzjoni.

23. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tara illi kienet ukoll korretta l-Ewwel Qorti meta kkonsidrat li l-appellanta kienet qiegħda tistrieħ fuq terza persuna sabiex taslilha l-posta. Huwa irrelevanti l-argument tal-appellanta inkwantu tgħid illi hija kellha tagħmel dan b'mod neċessarju u

mhux volontarju, anzi jekk xejn, fil-fehma ta' din il-Qorti, tali sottomissjoni tkompli tikkonferma l-konvinċiment morali tal-Ewwel Qorti fis-sens illi l-appellanta qiegħda tikkonferma dak li xehed dwaru Jamal Nuri Musbah Alahmar, ċjoè illi huwa kien jiġbor il-posta tal-appellanta u jinfurma lilha u lil żewġha bihom kultant żmien. Fil-fatt din il-Qorti, tara illi mix-xhieda ta' Jamal Nuri Musbah Alahmar, ġie kkonfermat illi: *«I collect them, all of them, and I call him. Sometimes two letters, four, five – something like that.»*

24. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tara li fix-xhieda tagħha l-appellanta tikkonferma illi meta marret tiġbor il-posta mingħand Jamal Nuri Musbah Alahmar, hija kellha ittra waħda biss mingħand id-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, u tgħid ukoll li *«they gave it to me when I had came back in 2018. That letter had came before in March which we didn't know about it because they never contact me in Libya»*. Fl-ewwel lok, din id-dikjarazzjoni tikkonferma l-verżjoni ta' Claire Marie Axiak illi l-ittra mibgħuta minnha ma marritx lura għandha, u li waslet lill-attriċi f'Marzu, tal-2018. Fit-tieni lok din il-Qorti tasal għall-konvinċiment morali illi mal-wasla tal-attriċi ġewwa Malta fl-20 ta' Lulju, 2020, l-attriċi ġabret mingħand Jamal Nuri Musbah Alahmar l-ittra inkwistjoni, fejn b'hekk l-attriċi kienet f'pożizzjoni li tara illi: (i) l-ittra kienet indirizzata lilha u datata 15 ta' Marzu, 2018, (ii) l-ittra inkwistjoni waslet għand Jamal Nuri Musbah Alahmar xi ġranet wara l-15 ta' Marzu 2018, u (iii) għalkemm fil-bidu tal-

ittra hemm imniżżel illi *«(r)eference is being made to your husband's application for citizenship»*, din l-ittra ssegwi tgħid illi *«In this respect I regret to inform you that it has transpired that you are not deemed to have become a citizen of Malta at birth»*, fejn l-attriċi ngħatat spjegazzjoni motivata għal tali deċiżjoni u kif ukoll mod alternattiv ta' kif tista' tapplika għaċ-ċittadinanza Maltija fit-termini ta' **Artikolu 10 (1) tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta**.

25. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellanta *setgħet tkun taf* bid-deċiżjoni amministrattiva tal-appellati bl-ittra tal-15 ta' Marzu, 2018 minn meta dik l-ittra twasslet fl-indirizz indikat minnha, u li ż-żmien biex tiftaħ il-kawża beda miexi minn dakinhar, liema ittra kienet ċara li ttieħdet deċiżjoni fuq iċ-ċittadinanza tagħha.

26. Fid-dawl ta' dan, jirriżulta bl-aktar mod ċar għal din il-Qorti illi l-perjodu ta' sitt (6) xhur beda jiddekorri minn nofs Marzu, 2018, b'dana illi l-attriċi kellha sa nofs Settembru, 2018 sabiex tintavola l-azzjoni tagħha. Madankollu, għalkemm meta hija saret taf bl-ittra kien għadu miexi ż-żmien li fih messha fetħet il-kawża, dan ma sarx, bil-konsegwenza li l-azzjoni odjerna ġiet ippreżentata fis-17 ta' Jannar, 2019.

27. Għalkemm għal raġuni xi ftit differenti, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti xorta waħda tibqa' korretta, u ċjoè li l-azzjoni attriċi ġiet preżentata *fuori termine*.

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib l-aggravji mhux ġustifikati u għalhekk sejra tiċħadhom.

**Deċide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell imressaq mill-Avukat Dr. Helen Caruana bħala mandatarja speċjali ta' Enas Gosaibat, u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha ta' dan l-appell kontra tagħha.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm